MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1412/2004

**Middlesea Insurance p.l.c. (C5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Lucrezio Borg, sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Lucrezio Borg ( I.D. Nru. 13057 (M) )**

**Vs**

**Konrad Pirotta**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija u lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm601.37c) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi f'incident awtomobilistiku tat-18 ta' Dicembru, 2002 fi Triq Monsinjur De Piro, Hamrun bejn vettura KON 003 misjuqa mill-konvenut u l-vettura FAJ 283 misjuqa mill-attur Lucrezio Borg.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha kkontesta r-responsabbilta' tal-kawza.

Sema’ x-xhieda ta’ John Lentini, PS 1330 Alexander Schembri, Lucrezio Borg u Konrad Pirotta.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Neville Camilleri ghall-atturi u Dr Renato Cefai ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kollizjoni sehhet fl-inkrocju bejn Triq Monsinjur De Piro u Triq il-Kappillan Mifsud.

L-attur jghid li huwa kien miexi fi Triq il-Kappillan Mifsud u kiser *wrong side* biex ipparkja fil-bidu ta’ Triq Monsinjur De Piro.

Fil-mument li kien ipparkjat, giet il-vettura li kienet misjuqa mill-konvenut u rriversjat ghal fuqu.

Il-konvenut xehed li huwa kien ipparkjat fil-kisra, faccata ta’ fejn sehh l-incident, ihares lejn Triq Monsinjur De Piro. Huwa qala’ mill-pozizzjoni ta’ *parking* u ghamel *U-turn* biex gie fil-bokka tat-triq minn Triq Monsinjur De Piro ghal Triq il-Kappillan Mifsud u kien miexi bil-mod biex johrog ghal fuq Triq il-Kappillan Mifsud.

Hekk kif hu kien miexi bil-mod, kienet il-karozza ta’ l-attur li rriversjat ghal fuqu.

Ma kienx hemm xhieda li raw l-incident u z-zewg sewwieqa kienu wahedhom.

Il-verzjoni li taw lill-pulizija li nvestiga l-kaz, tirrifletti dak li qalu *viva voce* quddiem dan it-Tribunal.

Huwa evidenti li f’din il-kawza hemm kunflitt serju ta’ kif sehh l-incident. Jekk wiehed jaccetta l-verzjoni ta’ l-attur, ifisser li l-konvenut ghandu t-tort u vice versa, jekk wiehed jaccetta l-verzjoni tal-konvenut ifisser li l-attur Lucrezio Borg ghandu t-tort. Inoltre, jigi rifless illi kif spjegaw l-incident iz-zewg sewwieqa, qabel il-kollizjoni, t-tnejn li huma ghaddew mill-post fejn sehh l-impatt f’direzzjoni

opposta ta’ xulxin u ghalhekk verzjoni ta’ wiehed teskludi ghal kollox il-verzjoni ta’ l-iehor.

It-Tribunal ma jistax ma jinnotax ukoll illi fil-fatt qabel ma’ sehh l-incident, wiehed miz-zewg sewwieqa wasal qabel l-iehor izda m’hemmx provi cari u konkreti li waslu lit-Tribunal ghall-affermazzjoni trankwilla fuq il-kwistjoni ta’ responsabbilta’.

Certament hemm mill-inqas wiehed miz-zewg sewwieqa li mhux jghid is-sew pero’ ma kienx possibbli illi dan l-impass jigi sorpassat.

Wiehed jista’ jipotizza li fil-fatt kien il-konvenut li wasal l-ewwel, li l-attur wasal warajh u kien l-attur li qed jirriversja u daqstant iehor wiehed jista’ jipotizza li fil-fatt kien l-attur li wasal l-ewwel, li l-konvenut ghamel *U-turn* u rriversja ghal fuq il-vettura pparkjata ta’ l-attur. Jista’ jigi ppotizzat li z-zewg sewwieqa rriversjaw fuq xulxin. It-tlett ipotesi huma validi pero’ b’daqshekk it-Tribunal ma jhossx li xi verzjoni jew ohra giet debitament pruvata kif trid il-ligi.

Stante li f’kazijiet simili ta’ danni bbazati fuq tort jew kwazi tort, il-piz tal-prova jinkombi lill-attur u stante l-kunflitt serju fil-provi prodotti, t-Tribunal m’ghandux alternattiva hlief li jichad it-talba, izda minhabba c-cirkostanzi partikolari tal-kaz, ihoss li ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap ta’ l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jichad it-talba ta’ l-atturi billi ma gietx debitament pruvata izda fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------